Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 436/2018

Il-Pulizija
(Spettur Luke Bonello)

Vs

Josef Grima

Illum 18 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Josef Grima detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 506583M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-26 ta' Ottubru 2013, għall-ħabta ta' bejn l-10:30 u l-11:00am ġewwa San Ġiljan:

1. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-detriment ta' Joanna Paola Pace fejn l-ammont tal-ħsara hija iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) u dan bi ksur ta' Artikolu 325 (a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Jaonna Paola Pace f'periklu ċar, ikkagunalha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa liema ħsara hija ta' natura ħafifa, u dan bi ksur ta' Artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi uża jew ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm il-darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terżi persuni u dan bi ksur ta' Artikolu 3 (1) tal-Kap 204 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saq vettura numru KBO-092 tat-tip BMW, b'manjiera perikoluża u traskurata u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1) (a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkunsidra lil ħati bħala reċidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 kif ukoll li tiskwalifika lil ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li jidhrilha xieraq.

In oltre din il-Qorti ġiet mitluba li tipprovdi għas-sigurtà ta' Joanna Poala Pace u l-familja tagħha ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Novembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(1)(a) u 328(d), 214, 215, 221(1)(a) u 226(1)(c), nonche l-Artikoli 17, 20, 31 u 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (u dan skont kif kienu fil-jum meta ġew imwettqin ir-reati de quo), kif ukoll l-

Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat in kwantu din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti sabet lil Josef Grima:

(1) Mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni ta' ħsara volontarja kif miġjuba kontra tiegħu ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali iżda ħati tar-reat minuri iżda kompriż u involut f'dak ta' ħsara volontarja u cioè r-reat ta' ħsara involontarja fuq il-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni PAC 103 skont ai termini tal-Artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali;

(2) Mhux ħati tar-reat ta' offiża volontarja ai termini tal-Artikoli 214 u 221(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, iżda ħati tar-reat minuri iżda kompriż u involut f'dak ta' offiżi volontarji, jiġifieri fir-reat ta' offiżi involontarji ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joanne Pace ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

(3) Ħati tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu ai termini tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan li qieset li s-sewqan tiegħu f'dan il-każ kien jikkwalifika bħala sewqan perikoluż u dan f'kuntest li huwa kien diġà ġie misjub ħati ta' reat ta' kontra din l-Ordinanza;

Konsegwentement ikkundannatu għall-piena komplessiva ta' tliet xhur priġunerija. Wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sena mil-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilità tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza; sospizi għal sena.

In oltre ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u b'referenza wkoll għall-fedina penali tal-imputat li għandu diversi preċedenti bi ksur tal-istess

disposizzjoni, ordnat l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan ta' Josef Grima għal żmien sena mid-data ta' din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Grima, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tghaddi sabiex tikkonferma dawk il-partijiet tal-istess sentenza fejn l-esponent instab mhux hati tal-ewwel imputazzjoni ta' hsara volontarja izda hati tar-reat minuri izda kompriz u involut ta' hsara involontarja, mhux hati tar-reat ta' offiza hafifa volontarja izda hati tar-reat minuri izda kompriz u involut ta' offiza hafifa involontarja, u fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, u tghaddi sabiex thassar u tirrevoka dawk il-partijiet tal-istess sentenza fejn l-esponent instab hati ta' sewqan perikoluz, fejn l-esponent gie kkundannat ghal tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena, u fejn giet ordnata l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-esponent ghal zmien sena u, minflok, issib lill-esponent hati ta' sewqan traskurat u tghaddi sabiex timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Josef Grima huma s-segwenti u cioè:-

ILLI, ghal kull buon fini, l-esponent jiddikjara li huwa hassu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti **limitatament** fejn, ghall-finijiet tar-raba' imputazzjoni, is-sewqan tieghu gie meqjus bhala sewqan perikoluz, fejn giet imposta l-piena komplessiva ta' tliet xhur prigunerija sospizi ghal sena, u fejn giet ordnata l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-esponent ghal perjodu ta' sena;

ILLI r-ragunijiet ta' l-appell ossija l-aggravji ta' l-esponent huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**I. <u>RABA' IMPUTAZZJONI - SEWQAN PERIKOLUZ</u>**

ILLI, permezz tar-raba' imputazzjoni, l-esponent gie akkuzat illi huwa kien saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBO-090 tat-tip BMW b'manjiera **perikoluza** u **traskurata**, u dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

ILLI l-fatt li wassal ghas-sejbien ta' htija tal-esponent fir-rigward ta' din ir-raba' imputazzjoni huwa dak il-fatt li rrakkonta l-esponent stess sahansitra fl-istqarrija li huwa kien ta' lill-Pulizija Ezekuttiva dak inhar stess tal-incident, ossija l-fatt, li huwa minn dejjem ammetta, li kien nehha ghajnejh minn fuq it-triq ghal sekonda jew tnejn ghaliex kien dahallu messagg fuq il-*mobile phone* tieghu;

ILLI, abbazi ta' dan il-fatt, l-esponent gie akkuzat, permezz tar-raba' imputazzjoni, b'sewqan b'manjiera **perikoluza** u **traskurata**, u l-Ewwel Qorti sabet lill-esponent hati ta' sewqan **perikoluz**;

ILLI fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 inghad testwalment:

> "Sewqan **traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan **bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan **perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara **c-cirkostanzi kollha tal-kaz**, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.

Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain**, Appell Kriminali, 21/5/96)."

ILLI, effettivament, l-Ewwel Qorti qiset is-sewqan tal-esponent bhala wiehed perikoluz abbazi ta' zewg ragunijiet, ossija:

a) Ghaliex l-esponent kien nehha ghajnejh minn fuq it-triq meta dahallu messagg fuq il-*mobile phone* tieghu, kif jirrizulta minn pagna 26 tas-sentenza appellata;

b) Ghaliex, kif inghad f'pagna 31 tas-sentenza appellata, dan gara: "f'kuntest li huwa kien diga gie misjub hati ta' reat ta' kontra din l-Ordinanza";

ILLI, dwar l-ewwel raguni moghtija mill-Ewwel Qorti, l-esponent jirrileva li huwa mhuwiex jippretendi li l-fatt li huwa nehha ghajnejh minn fuq it-triq ghal sekonda jew tnejn - debitament ammess minnu mill-bidu nett - ma jikkostitwix reat, pero` l-istess esponent jemmen umilment li tali fatt ma jammontax **ghall-aghar forma ta' sewqan immaginabbli, ossija l-aghar forma kontemplata fil-ligi**;

ILLI, ghalhekk, filwaqt li l-esponent jikkoncedi li huwa zbalja u li dan l-izball ghandu jikkwalifika bhala sewqan **traskurat**, l-istess esponent ma jhossx li dan l-izball ghandu jikkwalifika bhala l-aghar forma ta' sewqan, ossija bhala sewqan **perikoluz**;

**ILLI, minn naha l-ohra, it-tieni raguni li giet moghtija mill-Ewwel Qorti hija manifestament infondata, u dan billi l-ligi ma tippermettix illi d-*degree* ta' jekk sewqan kienx traskurat jew perikoluz tigi stabbilita abbazi ta' jekk persuna tkunx precedentement instabet hatja ta' xi reati kontra l-Ordinanza in kwistjoni;**

ILLI filwaqt li huwa minnu li l-Ordinanza tipprovdi ghal pieni aktar horox ghal min ikun diga instab hati ta' reati taht l-istess Ordinanza, **it-tip ta' sewqan konstatat, ossija traskurat, bla kont, jew perikoluz, m'ghandux jigi stabbilit abbazi ta' jekk persuna tkunx diga instabet hatja ta' reati kontra l-Ordinanza precedentement, izda ghandu jigi stabbilit biss abbazi tal-fatti tal-kaz;**

ILLI, ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponent, l-Ewwel Qorti zbaljat meta ikkunsidrat kundanni precedenti li seta kellu l-esponent meta giet biex tiddeciedi jekk is-sewqan tal-istess esponent **f'dan il-kaz partikolari** kienx jikkwalifika bhala sewqan traskurat jew sewqan perikoluz;

ILLI l-esponent zbalja meta nehha ghajnejh minn fuq it-triq ghal sekonda jew tnejn ghaliex dahallu messagg fuq il-*mobile phone* tieghu, u ta' dak l-izball irid ihallas, u huwa proprju ghalhekk illi l-istess esponent hassu aggravat biss mill-fatt li s-sewqan tieghu f'dan il-kaz gie kkunsidrat bhala sewqan perikoluz u mhux biss bhala sewqan traskurat;

ILLI, ghalhekk, fil-fehma umli tal-esponent, u ghall-finijet tar-raba' imputazzjoni, huwa ma kellux jinstab hati tar-reat ta' sewqan perikoluz, izda biss tar-reat ta' sewqan traskurat.

## II. <u>PIENA</u>

ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti sabet lill-esponent hati ta' tlett reati, ossija:

a) Li **involontarjament** kkaguna hsara lill-vettura ta' Joanna Paola Pace;

b) Li **involontarjament** ikkaguna griehi hfief lil Joanna Paola Pace;

c) Li saq il-vettura tieghu b'mod perikoluz.

ILLI ta' dawn ir-reati l-esponent gie kkundannat **tliet xhur prigunerija** sospizi ghal sena, u giet **skwalifikata l-licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' sena**;

ILLI, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju hawn fuq espost - illi, fil-fehma umli tal-esponent, jekk jintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti, jkun jimmerita

temperament fil-piena - l-esponent huwa tal-umli fehma illi, fi kwalunkwe kaz, il-piena li giet imposta mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva, tenut kont, fost ohrajn, illi:

1. L-esponent gie rinfaccjat b'imputazzjonijiet hafna aktar serji minn dawk li nstab hati taghhom, u dan billi rrizulta car mill-provi prodotti, kif anke gie deciz korrettement mill-Ewwel Qorti, li dan kien semplicement incident tat-traffiku sfortunat, li bhalu jsehhu ghexieren kulljum madwar l-pajjiz;

   **Fil-fehma umli tal-esponent, piena ta' tlett xhur prigunerija u sena skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghaliex jinstab li xi hadd kien responsabbli ghal incident tat-traffiku relattivament minuri, bhal ma ghandna f'dan il-kaz, li wassal ghal hsara involontarja u griehi hfief involontarji, hija piena eccessiva wisq, u mhijiex konsistenti mal-gurisprudenza ricenti tal-Qrati taghna dwar pieni f'kazijiet simili, fejn hafna drabi jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Artikolu 22;**

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk wiehed jezamina l-istqarrija tal-esponent li inghatat minnu lill-Pulizija Ezekuttiva dak inhar stess tal-incident, jintebah illi **l-esponent qatt ma kkontesta r-responsabilita' tieghu ghall-incident in kwistjoni, anzi ammetta mill-ewwel dak illi kien gara u dak li, sussegwentement, irrizulta lill-Ewwel Qorti;**

   Kien biss minhabba l-allegazzjonijiet ta' Joanna Paola Pace li l-esponent ghamel hames snin tiela u niezel il-Qorti, ossija ghaliex l-istess Joanna Paola Pace ghogobha tallega li l-esponent kien dahal fil-karrozza taghha bil-karrozza tieghu ghal tal-apposta;

   **Altrimenti, li kieku mhux ghall-istess allegazzjonijiet - li, wara hames snin, rrizultaw bhala totalment infondati - r-reati li taghhom effettivament instab hati l-esponent setghu facilment jigu trattati b'mod sommarju, fejn l-esponent, anke abbazi tal-istqarrija tieghu hawn fuq**

**imsemmija, ma kien ikollu l-ebda diffikolta' jammetti t-tort tieghu ghall-incident in kwistjoni;**

Il-fatt li l-esponent ghamel hames snin tiela u niezel il-Qorti jiddefendi ruhhu minn sensiela ta' imputazzjonijiet li, wara dak iz-zmien kollu, ma rrizultawx, huwa wkoll, fil-fehma umli tal-esponent, forma ta' kastig, li l-Ewwel Qorti kellha tikkunsidra meta tigi biex timponi l-piena;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-fehma umli tal-esponent, l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi, bit-trapass ta' tant zmien, ic-cirkostanzi ta' hajjet l-esponent u anke, ghal kull buon fini, ta' Joanna Paola Pace, kienu imbidlu kompletament;

Fil-fatt, l-Ewwel Qorti semghet kif l-esponent illum il-gurnata huwa mizzewweg, ghandu t-tfal, u ghandu negozju li fih ihaddem madwar hamsin ruh;

**F'dawn ic-cirkostanzi, fil-fehma umli tal-esponent, ma jaghmel l-ebda sens li persuna tigi kkundannata tlett xhur prigunerija minhabba incident tat-traffiku li jkun sehh hames snin qabel b'mod involontarju!**

Wiehed jistaqsi: X'inhu l-iskop ta' din il-piena, hlief retribuzzjoni?

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jirrizulta minn pagna 26 tas-sentenza appellata, il-prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza in sostenn ta' l-addebitu ta' recidiva fil-konfront tal-esponent, u ghaldaqstant l-Ewwel Qorti, korrettement, iddecidiet li ma setghetx titratta mal-esponent bhala tali;

Madanakollu, u abbazi tas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Josef Abela*, moghtija aktar minn ghaxar snin ilu mill-Imhallef Joseph Galea Debono, l-Ewwel Qorti ddecidiet li l-fedina penali tal-esponent, debitament esebita fl-atti, xorta kellha tintuza bhala riferenza sabiex tigi stabbilita l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tal-kaz odjern;

L-esponent umilment jirrileva li huwa ma jaqbilx mas-sentenza citata u konsegwentement mal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti fir-rigward;

Ibda biex il-kundanni l-aktar ricenti li jidhru fuq il-fedina penali tal-esponent ma huma xejn ghajr kundanni relatati max-xoghol tieghu, ossija kwistjonijiet dwar pagi ta' haddiema, hlasijiet ta' taxxi, u kwistjonijiet simili, li m'ghandhom assolutament xejn x'jaqsmu mal-imputazzjonijiet li gew dedotti kontra tieghu f'dan il-kaz;

Aktar minn hekk, il-kundanni precedenti tal-esponent taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, li rreferiet ghalihom l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, jirrisalu ghas-snin **1998 sal-2011**, **ossija l-aktar wahda ricenti tmur lura kwazi tmien snin shah!**

Mill-2011 sallum, l-esponent ma kellu l-ebda kundanna taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'dawn ic-cirkostanzi, l-esponent jemmen li l-Ewwel Qorti, wara li ddecidiet li ma setghetx tikkonsidra l-addebitu tar-recidiva ghaliex dan ma kienx gie debitament pruvat mill-prosekuzzjoni, ma kellhiex tistrieh fuq gurisprudenza ta' ghaxar snin ilu sabiex tiddetermina l-piena idoneja f'dan il-kaz, ossija ma kellhiex tikkunsidra kundanni ta' tmien snin ilu ghall-finijiet ta' piena fil-kaz odjern;

5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-perjodu tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-esponent li gie impost mill-Ewwel Qorti kien wiehed eccessiv, u dan mhux biss ghaliex is-sewqan tal-esponent ma kienx wiehed perikoluz, izda biss traskurat, kif inghad fl-ewwel aggravju tal-istess esponent, izda anke meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Kif semghet l-Ewwel Qorti, l-esponent jahdem fl-industrija tal-kostruzzjoni, u jhaddem bosta nies mieghu. Il-piz li ser jintefa fuq l-esponent u fuq in-negozju tieghu bi skwalifika ta' sena ser ikun wiehed ta' detriment kbir ghal-istess esponent u negozju;

ILLI, ghalhekk, l-esponent huwa tal-umli fehma illi kemm jekk jintlaqa' l-ewwel aggravju tieghu, u anke jekk le, din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex timponi piena aktar ekwa u gusta minn dik li gie imposta mill-Ewwel Qorti, skont ic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Semghet lil-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi f'din il-kawza l-appellant qed jinterponi umli appell minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabitu hati tar-reat ta' sewqan perikoluz u mill-piena imposta stante li fil-fehma teighu din hija wahda eccessiva.

Wara id-diskrezzjoni li ghandha din l-Qorti dwar tibdil fil-piena l-Qorti tafferma illi mhux normali li din il-Qorti tal-Appell Kriminali tindahal fi w tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena diment li dik il-piena tkun entro l-parametri tal-ligi w ma tkunx tidher li hi manifestament eccesiva w sproporzjonata ghall-kaz.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[1] , **Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[2] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[3]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi.

[1] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.
[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003
[3] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

kif inghad fl-appell kriminali fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt.T. Micallet) vs John Gauci**[4]**,** "*mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva.*" Dan għax, kif ġie ritenut f-Alppell Kriminali (Superjuri). "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[5]":- "*Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena.* (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[6]")"

Ghalhekk dak li hu mistenni minn din il-Qorti fl-appell odjern bl-aggravju appena rikapitat, hu li tezamina l-provvedimenti tal-ligi kolpiti sabiex ikun assikurat li l-piena hekk erogata kienet fil-parametri tal-ligi, tara jekk kienx hemm xi dritt ghat-tnaqqis, la darba si tratta ta' appell tal-imputat, u li ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li l-piena kellha tkun anqas minn dik fil-fatt kominata. Dan ghaliex kif inhu assodat fil-gurisprudenza in tema, ma huwiex normali li din il-Qorti, qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkunx hemm xi wahda mir-ragunijiet indikati supra.( Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**[7].; F'kaz pero f'kaz li l-Qorti tilqa l-aggravju l-iehor tal-appellant u cioe li s-sewqan tieghu ma kellux jitqies bhala sewqan perikoluz allura isegwi li jkun hemm moderazzjoni fil-pinea sabiex tirrifletti l-piena li tirrifletti l-akkuzi li taghhom jinsab hati.

Ikkunsidrat.

Illi nhar is-16 ta' Dicembru, 2014 xehed l-**Ispettur Luke Bonello** u spjega li nhar is-26 ta' Ottubru 2013 kien gie infurmat minn PS 245 Christina Delia li kien sehh incident fi triq Mikelang Borg San Giljan fejn kien qed jigi allegat mill-vittma Joanna Pace li

---

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Inferjuri) nhar il-26 ta' Marzu,2009.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Inferjuri) nhar il-26 ta' Frar 2009.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Superjuri ) nhar l-20 ta' MArzu 2009.
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Krimiinali (sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Ottubru, 2002

certu ex mahbub taghha Josef Grima l-appellant odjern kien habat go fiha fl-istess triq apposta u kien ikkagunalha hsarat fil-vettura taghha. L-appellant kien mar l-ghassa minn jeddu fejn kien irrilaxja stqarrija fejn dan kien ikkonferma li kien hemm incident awtomobilistiku bejn il-vettura tieghu u dik tal-kwerealnti Pace izda kien cahad li kien ghamel dawn il-hsarat volontarjament izda stqarr li dawn kienu gew kkagaunati bhala rizultat ta' incident 'front to rear'. Spjega wkoll lil din Pace kient gabet stima tal-hsarat sofferti minnha li kienu jammontaw ghas-somma ta' €4,757. Oltre dan kien gie mghoddi certfikat mediku li kien mahrug fic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid minn Dr Diana Balzan fejn gie certifikat li Pace kienet qed issofri minn griehi ta' natura hafifa. Huwa gharaf l-istqarrija rilaxxjata minn Grima li tinsab esebita a fol. 12 et tal-process u l-istima esebita a fol 16 u certifikat mediku a fol. 47 markata bhala dok LB3.

**Dr Diana Balzan** xehedet nhar is-16 ta' Dicembru 2014 u murija ic certfikat mediku market bhala dok LB3 u tikkonferma li kient ezaminat lil Joanne Pace nhar is 26 ta' Ottubru fl-4.00pm gewwa ic centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u kkonfermat li Pace kient qed issofri minn feriti ta' natura hafifa

**WPS 245 Christina Delia** xehedet nhar is-16 ta' Dicemrbu 2014 u kkonfermat ir raport li sar minn Joanna Pace nahr is-26 ta' Ottubru 2013 ghall-habta tas-1.30pm Tghid li Pace qaltilha li dakinahr aktar kmieni ghall-habta tal-10.30a.m u l-11.00a.m kient qed issuq bil-mod fit-traffic fi triq Mikelang Borg ,San Giljan fid-direzzjoni lejn it-tunnels ta' Rggional road u giet vettura minn wara u baqghet diehla go fiha. Bhala konsegwenza ta' din id-daqqa hija dahlet fil-karozza ta' quddiemha. Hija rat li l-persuna li kien dahal go fiha kien ser jaqla u jibqa' sejjer minn fuq il-post u nizlet mill-karozza u tkelmet ma Elaine Grech u din Grech qaltilhali kienet hadet in-nnumru tal-vettura li dahlet go fiha. Hija cemplet lill-appellant u ghall-ewwel inega li kien hu pero wara mar fuq il-post u qallhali kien ser jammetti it-tort. Wara ftit tal-hin qallh ali kien niezel l-ghassa. Hija pero' baqghet fuq il-post ghaliex kellha timla l-formola flimkien ma Elaine Grech u wara nizlet l-ghassa ta' San Giljan ukoll.

**Karen Cremona** ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta xehdet nhar is-16 ta' Dicembru 2014 u kkonfermat li l-vettura BMW 535 hija registrata fuq Francis

Grima u ilha hekk registrata sa mit-12 ta' Gnju 2014. Spjegat ilil nhar it-12 ta' Gunju 2014 inbidel in-numru tal-vettura u sar STF 011. Qalet is 26 ta' Ottubru 2013 il-vettura kienet tghajjat lil Jane Zammit f'isem Premier Car Centre car dealer (vide dok a fol. 59).

**Joanna Pace** xehdet nhar is-16 ta' Dicembru 2014 u spjegat illi hija kellha relazzjoni mal-appellant u kienet intemmet xi sena qabel l-incident. Dak in-nhar tas-26 ta' Ottubru 2013 tghid li kient ghamlet kuntatt mal-appellant ghaleix kellha tigbor xi affarijeit minghandu u iltaqghet mieghu San Giljan. Huma kellhom argument fuq il-passat fuq ir-relazzjoni li kellhom u meta rat hekk qabdet u saqet biex tmur id-dar. Tghid li l-argument sehh fil-karozza ghaleix dak il-hin kien fil-karozza taghha fuq in-naha tal-passigier. Qalet li bdeit issuq ghax kien hemm it-traffik u f'xi hin hasset daqqa fuq wara u bid-daqqa li qalghet minghand l-appellant spiccat fil-vettura ta' quddiemha. Dak il-hin Grima qa'a u baqa' sejjer 'wrong way' ghax hemmhekk qeda wrong way 'l isfel u wahda 'l fuq two lanes u ksier wrong way u baqa' tiela' 'l fuq.

Tikkonferma li dahlet fil-vettura ta' Grech li hija tal-ghalma Qashai. Hija cemplet lil Grima u qaltlu li kien dahal go fiha ghall-ewwel cahad izda wara mar fuq il-psot u hija kient ghada mahbuta fil-karozza ta' quddiemha. Qalet li taf li l-appelant nizel l-ghassa u wara nizlet hi ukoll pero' ma iltaqgahtx mieghu hemm. Tghid li marret il-polyclinic ukoll minhabba il-feriti li sofriet f'dan l-incident. Qalet li l-vettua taghha hija tal-ghamla BMW three series numru ta' registrazzjoni PAC 103 u spjegat li kellha hafna hsara kemm quddiem kif ukoll wara. Qalet li fil-mori ta' dawn il-proceduri hija sewwwiet il-karozza ukoll u dan billi ghamlet claim mal-insirance taghha Meltia ghaleix ma hallashiex. Qalet li s-socjeta assikruatrici hallset il-hsarat kollha otlre hamest ijeim kera ta' karozza. Qaletli ghalhekk ghad trid tigbor minghand l-appellant il-hsarat li hallset is-socjeta assikruratrici oltre l-ammont li hija hallset ghal kiri ta' karozza tul erbgha xhur fl-ammont ta' €2,098 liema spejjez ma kienux koperti bil-polza taghha.

In kontro esami tghid li waslet ghall-kokluzjoni li kien dahal go fiha apposta ghlaiex fil-passat ir-relazzjoni taghhom hekk kient mimlija daqqiet u tkissir.

**Philip Attard** surveyor xehed nhar it-22 ta' April, 2015 u kkonferma is-survey mahrug minnu dwar il-vettura ta' Joanna Pace liema surevey tinsab esebita fl-atti a fol. 45 markat bhal dok LB1.

**Andrew Pizzuto** claims manager mal Unipol xehed nhar it 22 ta' April ,2015 u kkonferma li l-vettura PAC 103 tal ghamla MBW kient inxurajata maghhom mill-1 ta' Mejju 2013 sat-30 ta' April 2014 u dan bi polza comprehensive f'isem Anthony Pace li kien mejjet. Qal li fit-3 ta' MArzu 2014 erba' xhur wara l-incident saru jafu li kienhemm incident li sehhet fis-26 ta' Ottubru 2013 fejn il-vettura taghhom kient involuta f'incident ma zewg karozzi ohra. Ikkonfemra li kienu gja halsu s-somma ta' 5,481 euros in konnessjoni ma dan l-incident. Jghid il-parts biss tal BMW telghu 3,800 imbaghad kien hemm il-labour, spray u air conditioning. Pero' dwar il-kumplament tal-hlas hemm kawza civili ghaddejja.

Nhar l-24 ta' Gunju 2015 rega xehed u esebixxa xi dokumenti relatati mal-hlasijiet li saru lil Joanne Pace in konnessjoni ma dan l-incident

**Elaine Grech** xehdet nhar it-22 ta' April 2015 u kkonfermat likient involute f'incident fiss-ena 2013 meta kient tielgha San Giljan u dahlu fih aminn wara. Il-vettura taghha hi tal-ghamla QasQai u kient sejra lejn Regional road. Taf li kient dahlet go fiha BMW u l-appellant kien dahal f'din il-BMW li dahlet fiha. TAf li z-zewg sewwieqa kienu jafu lil xulxin. Ikkonfermat li mal-impatt is-sewwieq ta' wara u coe l-appellant telaq minn fuq il-post u wara xi hin rega tfacca.

L-appellant Josef Grima xehed nhar it-18 ta' Dicembru 2017 u kkonferma li kien ilu f'relazzjoni ma Joanna Pace ghal perijodu ta' sitt snin u kienu temmew ir-relazzjoni taghhom xi sena qabel l-incident. Ikkonferma li dakinhar kienu iltaqghu kif kienu ghamlu diversi drabi u kien qiegehd San Giljan ghax ried imur jigbor xi pagament. Wara li tkellmu ghal xi madwar ghaxar minuti Pace telqet u hu telaq bil-vettura tieghu ftit wara. Qal li kien qed isuq u f'hin minnhom il-karozzi kienu weqfin minhabba it-traffic f'hin minnhom aljena ruhu ghax hares lejn il-mobile u zamm brake u l-karozza baqghet diehla go ta' quddiemu. Mistoqsi jekk kienx daq il-mobile jghid li le kien dahallu messagg. Ghalhekk jghid li qala ghajnejh minn fuq it triq biex

jaqra il-mesagg. Dhal f'ta quddiemu u inzerta li kient Joanne Pace u hija dahlet f'ta quddiemha. Imbaghad bdiet tippanikja u timmutetja u tghid li kien ser imur l-gharus taghha u missierha u ghalhekk qabad u irriversja u telaq 'l hemm u mar jghamel rapport l-ghassa. Appena hareg sab il-vettura tieghu migrufa kollha u intbghat id-depot ghall-finger prints. L-ghad cempillu Antoine Pace hu Joanne u qallha li missieru kien arrestat fuq il-kaz tal-grif ta' karozzu biex iwaqqa ir rapport. Huwa qabad cempel l-ghassa u waqqaf kollox. Huwa cahad b'mod kategoriku li dahal go Joanna apposta qal lil-vettura tieghu hi tal-ghamla BMW u tiswa €30,000 u mhux mignun mhux ser ikisser il-vettura gdida tieghu biex jidhol go fiha. Mistoqsi jekk ghadx ghandu kuntatt ma Joanne jghid li m' ghandux ma jkelimhiex pero' meta jara il-familjari taghha jitkelmu.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant qed jappella mill-fatt liinstab hati tal-akkuza ta' sewqan perikoluz kif kontemplat fl-artikolu 15 (1) (a) tal-kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Mifsud**[8] citat mid-difiza din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'.

Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' **sewqan bla kont**, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157)

**Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati.

Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **<u>The Police v. Charlotte Chamberlain</u>**[9],)".

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Mario Gellel</u>**[10]:

"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. **<u>Pul. v. Charles Bartolo</u>**[11], , **<u>Pol. v. Wilson</u>** [12] u **<u>Pul. v. Alfred Vella</u>** [13] u kif

jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. **<u>Pul. v. Hardingham</u>**[14],). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. **<u>Pul. v. Charles Farrugia</u>[15]<u>).</u>**

'Recklessness' giet definita bhala *'wilfully shutting one's eye'* (App. Krim. **<u>Pul. v. Joseph Aquilina</u>**[16].

---

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fil-21 ta' Mejju 1996
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fid-19 ta' Frar 2004
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fl-14 ta' Marzu, 1959 - Kollez. Vol. XLIII p. 1016
[12] Vol. XXXIX iv.1018
[13] Vol. XLIV, p. 933
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fid-19 ta' Ottubru 1963
[15] **<u>Vol. XXXIX iv.9 78]).</u>**
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) nhar l-20 ta' April 1963

Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. v. Antonio Spiteri**[17] ".

Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali : "**The Police vs. Gunner Brian Wilson**[18]" li :-

*"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Manwel Mallia**[19]" , rispettivament).

Umbaghad fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes**[20]" gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."*

Fil-**High Way Code** taht l-intetatura imsejha "Mobile phones and in-car technology" insibu s-segwenti fir-regolament 189:-

*" It is your responsibility to exercise proper control of your vehicle at all times. Never use a hand mobile phone or microphone when driving. Using hands free equipment is also likely to distract your attention from the road. It is far safer not to use any telephone while you are driving - find a safe place to stop first. You MUST exercise proper control of your vehicle at all times".*

---

[17] Vol. XLIV iv. 892

[18] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Mejju 1955

[19] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fl-14 ta' Marzu, 1959 - Kollez. Vol. XLIII p. 1001

[20] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fit-3 ta' Mejju 1953 - Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108

Pero fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Cedric (Cedric Charles) Sciberras**[21]**inghad li:-**

*"… anke l-kwistjoni ta' uzu tal-mobile phone (dan ukoll huwa fatt li ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi tant li kien hemm student li xehdu li ma rawhx jaghmel uzu minn dan il-phone) wahdu ma jistax iwassal sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li s-sewqan ta' l-appellant kien wiehed traskurat u perikoluz."*

Illi l-appellant b'sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nstab hati tal-akkuza ta' sewqan perikoluz u dan ghaleix fil-fehma taghha l-fatt li huwa nehha ghajnejh minn fuq it triq biex jaqra il-meddag li kien ircieva fuq il-mobile jammonta ghal sewqan perikoluz u dan ghaleix b'dik ill-manuvra l-appellant ma zammx proper look out waqt li qed isuq.

Illi mhux kontstat li l-manuvra li waslet ghall-kollizjoni bejn l-appellant u zewg karozzi kient il-manuvra inaspettata li ghamle l-appellant meta nehha ghajneh minn fuq it triq biex jaqra l-messag li kien ircieva fuq il-mobile waqt li kien qed isuq fuq triq principali wara karozzi ohra. Mhemmx dubbju li dak li ghamel l-appellant kien hazin tant li wassal ghall-kollizjoni ma zewg karozzi ohra u ikkaguna Danni involontajri kbar pero'dan il-fatt whadu fil-fehma ta' din il-Qorti ma twassalx ghal sewqan perikolu izda sewqan bla kont u dan ghaliex il-grad ta' traskuragni kient kbira f'dawk ic-cirkostanzi billi deliberatament ha riskji fis-sewqan li ma kellux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li in effetti giet kagunata lil terzi meta jidher car li kien indifferenti ghal tali riskji u konsegwentement il-piena ghandha tirrifletti din il-konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mill-ewwel, mit-tieni, mit-tielet u mill-hames akkuza u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba akkuza u cioe ta' l-imputazzjoni ta' sewqan peikoluz u kkundannatu ghall-piena komplessiva ta' tlet xhur prigunerija sospizi ghal sena u ghas-sospensjoni tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta'

[21]Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( sede Inferjuri) fis-26 ta' Marzu 2015

sena mid-data tas-sentenza appellata u minflok issibu hati tar-reat involut u kompriz talli fis-26 ta' Ottubru 2013 ghall-habta ta' 10.30 p.m., f'San Giljan saq il-vettura numru KBO - 902 tal-ghamla BMW b'manjera bla kont u, wara li rat l-art. 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghall-hlas ta' multa mitejn u tnejn u tletin euro[22] (€232) u tiskwalifikah mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' tmint ijiem ai termini tal-artikolu 15 (3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs-il lejl u minuta ta' ghada.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[22] U dan skond il-massimu ta' multa li seta gie kkundannat qabel ma saret l-emenda fil-ligi b'ATT XIV tas-sena 2017 li mhux applikabbli fil-kaz in desamina stante li l-incident sehh fis-ena 2013